



Brussell, 21 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9904/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0102(BUD)

BUDGET 12

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Suġġett: Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2021: Id-dħul tas-surplus tas-sena finanzjarja 2020: pożizzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2021

I. INTRODUZZJONI

Fil-15 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2021 dwar l-ibbaġitjar tas-surplus li jirriżulta mill-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2020.

L-implimentazzjoni tas-sena baġitarja 2020 turi *surplus* ta' EUR 1 768.62 miljun li jirriżulta minn:

a) eżitu pożittiv fil-*parti tad-dħul tal-baġit* (+EUR 1 647.32 miljun), li minnhom:

Titolu 1 (Riżorsi proprji):	+EUR 309.67 miljun
Titolu 3 (Surpluses, bilanċi u aġġustamenti):	+EUR 1 065.04 miljun
Titolu 7 (Imgħax dwar arretrati u multi)	+EUR 267.99 miljun
Titoli oħrajn	+EUR 4.62 miljun

b) sottoimplimentazzjoni fin-*naħa tan-nefqa tal-baġit* (-EUR 121.30 miljun), b'mod partikolari ta':

- approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit tal-2020 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): - EUR 221.36 miljun
- kanċellazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2019 (il-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħrajn): -EUR 107.35 miljun
- varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju +EUR 207.41 miljun

L-ibbaġitjar ta' dan is-surplus ser inaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-finanzjament tal-baġit tal-UE fl-2021.

II. **KONKLUŻJONI**

Fil-21 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar l-ABE Nru 3 għall-baġit ġenerali għall-2021 kif jinsab fl-anness tekniku li jinsab fl-Addendum 1 ta' dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.
